MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru 747/2004

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

-vs-

*Omisis*
Claudio Mallia

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Claudio Mallia ta' 23 sena imwieled il-Pieta' fil- 8 ta' Ottubru, 1981, iben Anthony u Rita nee` Cuschieri u residenti fi Flat 7, Door A, Triq San Ursola, Valletta, detentur tal- karta tal- identita numru 0557681(M).

Billi, omissis, omissis u Claudio Mallia huma akkuzati talli fl-24 ta' Mejju, 2003 ghall-habta tas-1:30 a.m. fi triq Hal-Qormi l-Marsa, bil-hsieb li jikkommettu reat, urew dan il-hsieb b'atti esternu u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan

id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom, liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur ghad-dannu tas-Sur Paul Caruana;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi wara li kienu gew ikkundannati f’dawn il-gzejjer ghall-serq jew recitazzjoni, instabu fil-pussess ta’ nfietah jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta’ serraturi minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f’dak iz-zmien;

*Omisis*

*Omisis*

U aktar talli Claudio Mallia kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mghotija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17.05.2002 fejn hu kien instab hati ta’ reat u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn dik id-data.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu waqt l-udjenza mizmuma fil-21 ta’ Jannar 2008 u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 270, u 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali ta’l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz l-ammissjoni ta’ l-imputat, l-fedina penali tieghu, kif ukoll l-problema li ghandu l-imputat b’l-abbuz tad-droga.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputat kien tpogga taht ordni ta’ *probation* ghal l-unika kundanna li huwa kellu qabel din, u li l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijet odjerni sehhew waqt dak il-perjodu ta’ *probation*.

Illi minkejja dan u tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tghati lill-imputat l-ahhar opportunita biex jirriabilita ruhu u jirrisolvi l-problema li ghandu minghajr ma jiskonta piena karcerarja. Ghalhekk ghar-reati odjerni l-Qorti ser tpoggi lill-imputat taht ordni gdid ta’ *probation*.

Illi l-Qorti m’ghandhiex ghalfejn titratta ma’l-imputat ghar-reati li taghhom huwa tpogga taht *probation* ghaliex skond kif jirrizulta mill-verbal tal-21 ta’ Jannar 2008 il-Qorti kif diversament preseduta diga trattat ma’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 270, u 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammisjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet lilu addebietati u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal perjodu ta’ tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat

ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Claudio Mallia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------